**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 17

**It-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2020**

Minħabba l-miżuri relatati mal-Covid 19, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ltaqa' permezz ta' onlajn chat, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Joseph Farrugia Is-Sindku

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Il-viċi sindku fin-nuqqas tas-Sur Sindku, ippresjeda

## Minuti

## 17.01 Qari ta' apoloġiji

17.01.01 Il-viċi Sindku flimkien mal-kunsilliera kollha preżenti, approvaw in-nuqqas tal-presenza tas-Sur Sindku.

## 17.02 Approvazzjoni tal-Minuti (Numru 16)

17.02.01 Waqt is-seduta ġew approvati l-Minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (16). Inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ) sabiex vers numru 16.04.02 għandu jitniżżel isem l-eks Sindku, is-Sur Joseph Cutajar, flimkien mas-segretarju eżekuttiv preċidenti, is-Sur Duncan Hall. Il-proponent ta' dawn il-minuti kienu l-viċi sindku, sekondat mill-kunsillier (AC).

## 17.03 Skeda ta' pagamenti

17.03.01 L-iskeda ta' pagament bin-numru (Skeda 03/09) li tkopri xiri u pagamenti bejn l- 5 u t-18 ta' Marzu, 2020, ġiet approvata mill-membri kollha preżenti u ffirmata mill-viċi sindku flimkien mal-Aġent, Segretarju Eżekuttiv. Il-Proponent kien il-kunsillier (MM), sekondata mill-kunsillier (JBD). Kien hemm inċertezza fuq il-versi numru 5/6/7 li jappartjenu għal servizz mogħti mis-Sur Chris Bezzina. Dan il-għaliex, skont il-Perit Carmel Caccopardo kellu jitnaqqaslu s-somma ta' €50.00, li ma somma ma konniex ċerti li tnaqqset, jew le. L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv iċċekkjat u rriżulta li dan l-ammont ser jiġi mnaqqas fl-iskeda li jmiss bin-numru (4).

## 17.04 Komunikazzjoni mil-viċi sindku

17.04.01 Il-viċi sindku aġġornana fuq il-laqgħa li kellu mal-Forzi Armati fuq avveniment li huwa ppropost li jsir ġewwa l-Bajja s-Sabiħa mill-Banda tal-Forzi Armati, nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Lulju, bejn is-7.30 u d-9.00pm.

17.04.02 Il-viċi tkellem ukoll dwar avveniment kulturali li mistenni li jittella' f'Ottubru li ġej miċ-Chinese Cultural Center fi ħdan ix-Shanghai Electric Power (Malta). Dan l-avveniment mistenni li jittella' quddiem is-sede tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-ktajjen, jew inkella ġewwa l-Bajja s-Sabiħa. Jekk ikun hemm bżonn li jittella' fuq iz-zuntier tal-knisja, jew fuq il-bankina ta' quddiem, ikun hemm bżonn il-permess tal-knisja.

## 17.05 Tweġibiet għal mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

17.05.01 IL-kunsillier (JBD) staqsiet dwar id-dawl fuq l-istage fi Triq il-Fossilli. Tweġiba ngħatat mill-kunsillier (SZ) li dan id-dawl imsemmi, il-kunsill għadu ma applikax għalih.

17.05.02 Il-Kunsillier (JBD) staqsiet ukoll dwar il-mera fi Triq il-Qajjenza. Il-kunsillier (SZ) wieġeb li din il-mera ġiet ordnata.

17.05.03 Punt ieħor li qajmet il-kunsillier (JBD) kien fuq talba sabiex il-MPT jipprovdu servizz tal-karozza tal-linja bin-numru 210, b'vettura akbar. Dan il-għaliex, l-istaff mediku għal Mater Dei li jirkeb minn ħdejn il-knisja parrokjali, qiegħed issib il-karozza diġà okkupata min-nies li ħafna minnhom jieqfu l-Marsa. B'mod speċjali f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-istaff qed jasal tard għax-xogħol. L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv diġà għamlet din it-talba, però deher li kien hemm xi nuqqas fl-indirizz eletroniku tal-MPT. Għaldaqstant, il-kunsillier (JBD) flimkien mal-kunsillier (AC), għandhom jipprovdu indirizz eletroniku ieħor.

17.05.04 Il-kunsillier (MM) staqsiet lil kunsillier (SZ) jekk hemmx diġà liġi li tinforza lil kull persuna li tarma kamp fuq bajja, b'mod speċjali, il-Bajja ta' San Ġorġ. Il-kunsillier (SZ) wieġeb illi hemm liġi però din hija problema ta' kull staġun tas-sajf. L-aħjar li tintbagħat ittra bil-quddiem lil Pulizija sabiex jaħsbu minn qabel. Fil-każ, il-Kunsill ikollu jagħmel Bye Law. Teżisti Bye Law għall-Bajja s-Sabiħa, iżda mhux għall-Bajja ta' San Ġorġ. Il-kunsillier (SZ) ser jieħu ħsieb li jikteb lill-ispettur tal-Pulizija. Il-Kunsillier (AC) stqarr li s-sena l-oħra persuna rama kamp ġewwa l-Qajjenza għal sajf sħiħ u ħa l-bajja kollha.

17.05.05 Il-kunsillier (SZ) irreferra wkoll għal punt imqajjem mill-kunsillier (DP) fis-seduta preċidenti, dwar żona għall-għawm għal klieb. Il-kunsillier (JB) saħaq li diġà hemm lista ta' fejn wieħed jista' jieħu l-kelb biex jgħum, però Birżebbuġa mhix imniżżla f'din il-lista. L-aktar lokalità fil-qrib, hija Marsaxlokk. Il-kunsillier (SZ) stqarr li ma tkunx idea ħażina naġġornaw il-Legal Notice (subject to correction).

17.05.06 Il-Kunsillier (MM) semmiet ukoll dwar il-lista li l-Kunsill fiċ-ċirkostanzi preżenti qed ittella' fuq il-facebook page tal-ħwienet li lesti li joffru s-servizz ta' deliveries fid-djar, b'mod speċjali lill-anzjani. Il-kunsillier stqarret illi l-anzjani mhux kollha għandhom, jew jafu jagħmlu użu mill-facebook. Għaldaqstant issuġġeriet sabiex nistampaw lista u nqassmuha lill-anzjani. Il-kunsillier (JBD) għandu l-lista tal-indirizzi u jkun jista' jipprovdiha lill-Kunsill. Il-viċi ssuġġerixxa li nistampawhom u nibgħatuhom bil-posta lokali. Dan is-suġġeriment ma ntlaħaqx. Intlaħaq ftehim sabiex il-viċi sindku joħroġ avviż lil tal-ħwienet li sa nhar l-Erbgħa, 25 ta' Marzu għandhom ċans biex jabbonaw. Wara fuq karta kkulurita, b'tipa kbira, ġewwa l-Kunsill ser jiġu stampati l-lista tal-ħwienet u l-ħaddiema fi ħdan il-Kunsill ser ikunu jqassmuhom sabiex jitwaħħlu fil-ħwienet imniżżla fil-lista u oħra man-notice board fi ħdan il-Kunsill.

17.05.07 L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv uriet pjanta għan-nom tas-Sur Sindku fejn xtaq li niddiskuti problema li teżisti quddiem 'Al Fresco Restaurant'. Dan il-għaliex, xi sewwieqa qegħdin jaqsmu sabiex ma jdurux id-dawra. Kien issuġġerit li jsiru bollards għall-vetturi. Skont il-kunsillier (SZ), dawn il-bollards kienu diġà ġew approvati fejn imbagħad ġiet il-gabbana tal-ġelat. Huwa qal li l-karozzi qegħdin jgħaddu minn Triq Cachia Zammit, minn ħdejn 'Al Fresco', minn ħdejn il-palma, sabiex ma jdurux mad-dawra. Meta ġie mistoqsi jekk jirnexxilhomx jgħaddu minn ħdejn il-palma, huwa wieġeb li hemm 2.2 metri. Dawn il-bollards il-Kunsill irrid jixtrihom u li jiswew ħafna. Il-kunsillier (AC) ssuġġerixxa li jsiru pajpijiet tal-ħadid, filwaqt li l-kunsillier (JB) ssuġġerixxa li ssir kamera. Il-kunsillier (SZ) irrimarka illi jekk wieħed jiġbed l-attenzjoni lil pulizija jew lil LESA sabiex joħorġulhom multa amministrattiva, qal li tweġiba tagħhom taf tkun: 'mhux wara li diġà tajtu permess lil gabbana tal-ġelat. Il-kunsillier (JBD) ġibtitilhom l-attenzjoni li hemm hekk hemm xi residenti u li jridu jaħsbu għalihom ukoll, b'mod speċjali f'każ ta' emerġenza. Il-kunsillier (AC) ssuġġerixxa li naħa minnhom tkun tinfetaħ. Il-

kunsillier (JB) ssuġġerixxa li ssir tabella, iżda l-kunsillier (AC) ma qabilx. Il-viċi sindku ssuġġerixxa li min hu responsabbli f'din it-taqsima, iressaq il-proposti u nimxu minn hemm hekk, iżda l-kunsillier (AC) din id-darba ssuġġerixxa li ssir automatic barrier bil-code. Il-kunsillier (SZ) saħaq li sas-sena 2018 ma kellna l-ebda problema, iżda l-kunsillier (AC) wieġbu li ma kienx hemm ramel dak iż-żmien. Skont (AC) meta xi ħadd ta l-permess lil tal-gabbana tal-ġelat, ħadd ma beda jmur 'l hemm sabiex iħarrek. Il-kunsillier (JBD) stqarr li l-aħjar mod huwa li naraw eżatt il-pjanta li diġà kienet ġiet imħejjija u nimxu minn hemm hekk.

17.05.08 Inġibded l-attenzjoni mill-viċi fuq tabella mweħħla illegali fi Triq l-Għansar. Hemm xi resident li ser ikun qed iwettaq xi xogħol għada u ddeċieda li jwaħħal tabella mhux uffiċjali u li qed jostakola parkeġġ ta' tliet karozzi. Il-kunsillier (SZ) saħaq illi issa ma nistgħu nagħmlu xejn bil-Legal Notice (86/2020), għaliex ma nistgħux noħorġu permessi. Il-kunsillier (MM) ġibditlu l-attenzjoni illi fil-preżent, il-Kunsill xorta għadu joħroġ permessi. Iżda huwa stqarr li kien qed jirreferri għal affarijiet relatati ma' trade. F'dan il-każ għandna naraw jekk hemmx xi permess uffiċjali min-naħa tal-Kunsill, fil-kas nibgħatu lil pulizija jew lil LESA.

17.05.09 Il-Kunsillier (DP) talbet lill-Aġent, Segretarju Eżekuttiv, sabiex tibgħat email lid-direttur (MP) fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex id-death lines preżenti ma jkunux applikabbli. L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv wieġbet, illi fiċ-ċirkostanzi preżenti, l-ebda death line mhi effettiva. Iżda jekk ġaladarba tingħata l-informazzjoni mingħand il-kunsillier (DP), hija lesta li tressaq din it-talba.

17.05.10 Talba oħra mill-kunsillier (DP) hija lment dwar ħafna toroq magħluq mingħajr sinjali tat-traffiku. Hija rreferrit għal Tank street u St. Peter's street. Il-kunsillier (JBD) weġibha li dawn ix-xogħlijiet kienu bil-permess għaliex rah hu stess. Il-kunsillier (SZ) issuġġerixxa, illi meta wieħed ikollu xi dubju ta' dan it-tip, wieħed għandu jieħu azzjoni billi jċempel lill-pulizija.

17.05.11 L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv reġgħet qajmet id-diskussjoni dwar il-Communial Parkings li kienu baqgħu pendenti minħabba xi disgwiet waqt l-aħħar seduta. Wara li ġew diskussi, intlaħaq approvazzjoni fuq dawn il-communial parkings li ġejjien: (a) Zaren Dalli; (b) Triq il-Bieqja (li preżenti fiż-żona ma hemmx u li bil-liġi trid issir waħda); (ċ) Triq St Philip (li preżenti fiż-żona ma hemmx u li bil-liġi trid issir waħda); (d) Tank street/ St Peter; (e) St Angelo (din trid tersaq u tiġi eżatt quddiem is-sorijiet).

17.05.12 L-Aġent, Segretarju Eżekuttiv talbet lil Kunsillier (AC) sabiex jaġġornana fuq l-iżviluppi dwar Triq il-Brolli u l-kwistjoni tax-xogħlijiet bis-servizz mogħti mid-Dimbros. Skont il-kunsillier (AC), Triq il-Brolli tlestiet u jonqos biss li l-Perita sabiex tiċċertifika li kollox sew. Dwar xogħlijiet mill-kumpanija Dimbros, il-Kunsill talab għal testijiet, għaliex it-triq qed tinżel. Dwar ix-xatt, fil-preżent il-kunsillier (AC) qed jitkellem mal-perita fi ħdan il-Kunsill.

## 17.06 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.06.01 Il-laqgħa aġġornat fit-tmienja nieqes għaxar minuti. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 27 ta' April, fis-sitta ta' filgħaxija. Skont is-sitwazzjoni kif tkun dak iż-żmien, minħabba l-Covid 19, fil-qarib ttieħed deċiżjoni jekk din is-seduta ssirx ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill, jew onlajn.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________________ | _________________________ |
| Scott Camilleri | Rosalie Mintoff |
| Viċi Sindku | Aġent, Segretarju Eżekuttiv |